REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 717/2010

tas-6 ta' Awwissu 2010

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [1], u speċjalment l-Artikolu 9(1)(a), tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna nru (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna nru (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tiġi invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna nru (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna nru (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni,
f'isem il-President,
Janusz LEWANDOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott (hekk imsejjaħ "sensur tat-temperatura tal-gass tal-egżost") magħmul minn: — termistur b'kapaċità li jlaħħaq ma' vultaġġ tal-elettriku li ma jaqbiżx 20 W, magħluq ġo kontenitur propju tiegħu. — bolt biex ikun jista' jitwaħħal, — mekkaniżnu biex jiffaċilita t-twaħħil tax-xaft fis-sistema tal-egżost tal-vettura, u — kejbil tal-elettriku, imdawwar b'materjal reżistenti għas-sħana, li bih il-prodott jista' jitqabbad ma' plakka li tippermetti konnessjoni bejnu u bejn is-sistema tal-vettura li timmaniġġja l-magna. It-termistru huwa kapaċi jbiddel ir-reżistenza li għandu skont it-temperatura. Meta mqabbad, dan il-bdil fir-reżistenza jipproduċi bdil fil-kurrent tal-elettriku, li huwa trażmess lis-sistema li timmaniġġja l-magna. Il-prodott ma jistax jikkonverti l-enerġija tal-kurrent tal-elettriku f'kejl tat-temperatura jew juri t-temperatura.	8533 40 10	Il-klassifikazzjoni hija determinata permezz tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kitba fil-kodiċi NM 8533, 8533 40 u 8533 40 10. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9025 bħala termometru jew bħala parti minnu hija eskluża peress li l-prodott la jista' jkejjel t-temperatura u lanqas ma jista' juriha. Il-prodott huwa reżistur mhux lineari li jiddependi fuq it-temperatura (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni dwar is-Sistema Armonizzata. Noti għall-intestatura 8533 (A)(5)) u għalhekk għandu jiġi kklassifikat taħt is-sottointestatura 8533 40 bħal reżisturi varjabbli oħra.